# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

### Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Adriana Casha u Genesia Randich**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Adriana Casha, KI 122581(M) u Genesia Randich KI 38286M** fejn ġew mixlija talli

(a) fit-2 ta' Settembru, 2015 minm ġewwa l-ħanut TextbooksMalta, Triq il-Genista, l-Kalkara kkommettew serq ta' flus għad-detriment ta' Charles Zerafa u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix l-€2329.37;

(b) f'xi ħin fil-5 ta' Diċembru 2015 min ġewwa l-Isptar Mater Dei ikkommettew serq ta' flus u arloġġ għad-detriment ta' Marylou Marshall, Mary Astrid Zarb u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix l-€2329.37.

Rat li matul is-seduta tat-13 ta' Frar 2017 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputati wieġbu li ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 11 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, debitament assistiti mill-Avukat Carmelo Mifsud Bonniċi tennew li ma kienux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Rat id-dokumenti prodotti;

Rat li matul is-seduta tat-13 ta' Marzu 2017 l-imputati stqarrew li huma ħatja tal-imputazzjonijiet kontestati.

Fid-dawl ta' din l-istqarrija ta' ħtija inkondizzjonata l-Qorti wissiet lill-imputati, bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu mill-ammissjoni ta' ħtija tiegħu fis-sens li hija setgħet issibhom ħatja tal-istess

imputazzjoni u tgħaddi sentenza skont il-Liġi. Għalhekk tgħat żmien biżżejjed sabiex jekk iridu, jmorru lura mill-imsemmija ammissjoni reġistrata.

Wara tat żmien biżżejjed lill-imputati individwalment u separatatment sabiex jekk riedu, jirtiraw l-ammissjoni u wkoll li kkonsultaw mal-avukat difensur, u wara li reġgħet staqsiethom x'għandhom xi jgħidu dwar l-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom, l-imputati individwalment u separatament reġgħu tennew li huma ħatja u l-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id-deċiżjoni tal-imputati fl-atti tal-kawża.

***Ikkunsidrat : -***

Li f'dan il-każ in vista tal-ammissjoni reġistrata mill-imputati din il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr li ssibhom ħatja tal-imputazzjonijiet kontestati lilhom.

Semgħet ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet minn fejn jirriżulta li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni tenniet li piena karċerarja effettiva ma kienetx waħda idoneja għalkemm saħqet li f'dan il-każ kien hemm l-estremi għal element ta' superviżjoni. Id-Difiża aderiet.

## *Deċide :*

li għar-raġunijiet premessi, filwaqt li ssib lil Adriana Casha u Genesia Randich, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tagħhom stess, ħatja tal-imputazzjonijiet kontestati lilhom, wara li rat l-Artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali tikkundannahom għall-perjodu ta' sena priġunerija. Rat il-fedina penali tagħhom u ukoll l-istqarrijiet rispettivi u wara li rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ għajr ħlief jekk matul il-perjodu ta' sena millum il-ħatja jikkommettu reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Il-Qorti fehmet lil ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta' tagħhom u l-konsegwenzi li jitnisslu skont l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huma jikkommettu reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża u dan ai termini tal-Artikoli 28A(4).

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tiegħu tqiegħed lill-ħatja taħt is-superviżjoni t'uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' sena millum.

Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti

annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqsu milli jikkonformaw ruħhom ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmlu reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilhom illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-ħatja sabiex iħalsu l-ammont totali ta' erba mitt euro lid-derubat fi żmien sitt xhur millum

*Mogħtija illum it-13 ta' Marzu 2017 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

*Aaron M. Bugeja*

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**(bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali)**

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)*

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**13 ta' Marzu 2017**

**PULIZIJA**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Adriana Casha u Genesia Randich**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Adriana Casha** li toqgħod Flat 8, Ent C, Triq Luigi Pisani, l-Kalkara, detentriċi tal-karta

tal-identita bin-numri 122581(M) ġiet misjuba ħatja kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Superviżjoni l-ħatja ġiet mpoġġija taħt Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Supervizjoni (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taħt skont s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u nnutat li l-istess ħatja wriet li trid tħares il-ħtiġiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li l-ħatja **Adriana Casha** li toqgħod Flat 8, Ent C, Triq Luigi Pisani, l-Kalkara, detentriċi tal-karta tal-identita bin-numri 122581(M), tkun għal perjodu ta' sena millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Supervizjoni taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħatja ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi <u>kollha</u> tal-uffiċjal sorveljanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħatja tieħu l-*counselling* li jista' jkun meħtieg minn żmien għal żmien sabiex tevita, fost affarijiet oħra li terġa tikkommetti reati fil-ġejjieni.

2. Li l-ħatja tibqa' f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li tista' minn żmien għal żmien tingħata mill-imsemmi uffijal, u li tavża lill-imsemmi uffiċjal b'kull tibdil fl-indirizz tagħha;

3. Li tirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa r-residenza tagħha jew f'kull post ieħor li tiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess uffiċjal sorveljanti;

4. L-uffiċjal sorveljanti għandu/ha jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħatja.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Uffiċjal Sorveljanti.

……………………………………

Adriana Casha

……………………………………..

*Doris Serpina* **D./Registratur**

***Il-Maġistrat Aaron M. Bugeja***

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**(bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali)**

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)*

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**13 ta' Marzu 2017**

**PULIZIJA**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Adriana Casha u Genesia Randich**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Genesia Randich** li toqgħod Flat 8, Ent C, Triq Luigi Pisani, l-Kalkara, detentriċi tal-karta tal-identita bin-numri 38286(M) ġiet misjuba ħatja kif imfisser fl-istess

sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Superviżjoni l-ħatja ġiet mpoġġija taħt Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Supervizjoni (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taħt skont s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u nnutat li l-istess ħatja wriet li trid tħares il-ħtiġiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li l-ħatja **Genesia Randich** li toqgħod Flat 8, Ent C, Triq Luigi Pisani, l-Kalkara, detentriċi tal-karta tal-identita bin-numri 38286(M) tkun għal perjodu ta' sena millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Supervizjoni taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħatja ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal sorveljanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħatja tieħu l-*counselling* li jista' jkun meħtieg minn żmien għal żmien sabiex tevita, fost affarijiet oħra li terġa tikkommetti reati fil-ġejjieni.

2. Li l-ħatja tibqa' f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li tista' minn żmien għal żmien tingħata mill-imsemmi uffijal, u li tavża lill-imsemmi uffiċjal b'kull tibdil fl-indirizz tagħha;

3. Li tirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa r-residenza tagħha jew f'kull post ieħor li tiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess uffiċjal sorveljanti;

4. L-uffiċjal sorveljanti għandu/ha jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħatja.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Uffiċjal Sorveljanti.

……………………………………

Genesia Randich

……………………………………..

*Doris Serpina* **D./Registratur**

***Il-Maġistrat Aaron M. Bugeja***